# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 513/21TA**

**Eleonora Shokur f'isimha proprju u wkoll bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Mylana Shokur**
**vs**
**L-Avukat ta' l-Istat**
**u**
**L-Ministru Għall-Intern, Is-Sigurta' Nazzjonali U L-Infurzar Tal-Liġi,**
**L-Onorevoli Prim Ministru**
**L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv maħtur taħt il-Kap. 420.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Eleonora Shokur f'isimha proprju u bħala leġittima rappresentatriċi ta' bintha minuri Mylana Shokur (ir-rikorrenti) tat-12 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu premettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-esponenti kienet waslet f'Malta mat-tifla tagħha, li għadha minuri, u zewgħa Maksym Shokur, u dan mill-Ukraina, bħala refuġjati;

2. Illi huma kienu waslu Malta fit-tnax (12) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn talbet li tingħata status ta' refuġjat;

3. Illi ftit wara l-wasla tagħha f'Malta ossia, fis-sitta (6) ta' Dicembru tal-istess sena, hija ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja u bdiet taħdem hawn Malta fil-qasam ta' l-isbuħija b'mod regolari, u filfatt dejjem ħallset it-taxxi relattivi;

4. Illi f'Ġunju tas-sena kurrenti (2021) hija ġiet infurmata illi l-protezzjoni umanitarja temporanja kemm tagħha u kemm ta' bintha minuri kienet ser titneħħa u ingħatat tali deċiżjoni permezz ta' ittra datat t-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2021;

5. Illi l-esponenti appellat minn din id-deċiżjoni fit-Tribunal ta' l-Appelli dwar Protezzjoni Internazzjonali pero b'sentenza ta' dan it-Tribunal datata 7 ta' Lulju 2021 ġie deċiż illi m'hemmx appell minn deċiżjoni dwar protezzjoni umanitarja temporanja. Fil-fatt l-artiklu 17A(2) tal-Kap. 420 jgħid is-sewgenti:

   *"Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew maġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja."*

6. Illi, apparti mill-fatt illi l-esponenti m'għandhiex dritt ta' appell minn din id-deċiżjoni tat-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja, hija qatt ma ingħatat udjenza ossia l-opportunita' biex tispjega l-pożizzjoni tagħha qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni ta' tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja.

7. Illi dan jammonta għal ksur tad-dritt ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kosttizzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Illi fil-frattemp l-esponenti u raġel tagħha Maksym Shokur kienu stabbilew ruħhom bħala familja hawn Malta u konsegwentement bid-deċiżjoni imsemmija hija u bintha sejrin effettivament jiġu mifruda mir-raġel tagħha.

Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joggħobha:

i. Tiddikjara illi l-fatt illi qabel ttieħdet id-deċiżjoni dwar it-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma kienitx ikkonsultata u ma ingħatatx smiegħ meħud flimkien mal-fatt illi minn din id-deċiżjoni m'hemmx appell, dan imur kontra artikolu 39 tal-Kosttizzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii. Tiddikjara illi bid-deċiżjoni imsemmija qiegħda wkoll tilledi d-drittijiet fundamenti ta' l-esponenti kif sanċiti fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

iii. Tagħti ordni *ad interim* fil-mori tal-proceduri u b'mod urgenti sabiex id-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 dwar it-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma tingħatax effett sakemm ma jiġux deċiżi finalment dawn il-proċeduri, u tordna li l-esponenti tingħata d-dokumenti ta' identita' tagħha u tat-tifla tagħha;

iv. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tannulla d-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 fejn tneħħiet il-protezzjoni umanitarja temporanja ta' l-esponenti u bintha u konsegwentement tqiegħed lill-esponent u lil bintha Mylana Shokur fil-posizzjoni li kienu fiha qabel id-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 fejn tneħħiet il-protezzjoni umanitarja temporanja tagħhom, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat), Ministru Għall-Intern, is-Sigurta Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi (l-intimat Ministru), l-Onorevoli Prim Ministru (l-intimat Prim Ministru), l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv maħtur taħt il-Kap 420 (l-intimat Kap) tas-17 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. Illi l-esponent Kap ezekuttiv jirrileva s-segwenti fatti bhala dawk magħrufa lilu:

Ir-rikorrenti hija persuna ta' nazzjonalita' Ukrena. Ir-rikorrenti kienet applikat għal protezzjoni internazzjonali kif regolata mill-Ligi fl-20 ta' Novembru 2014 u giet michuda fis-6 ta' Dicembru 2014. Minn dik id-decizjoni kien jezisti dritt ta' appell quddiem l-International Protection Appeals Tribunal (IPAT) gja bord tal-appelli dwar ir-Refugjati liema dritt ta' Appell ma giex utilizzat mir-rikorrenti. Madanakollu r-rikorrenti ngħatat *temporary humanitarian protection* wara r-rifjut għal protezzjoni internazzjonali. Din it-tip ta' protezzjoni kienet *policy* mhaddna mill-Kummissarju għar-refugjati liema protezzjoni temporanja ma kienitx regolata bil-Ligi.

Illi fit-2 ta' Gunju 2021 l-esponent Kap Ezekuttiv ddecidiet illi abbazi tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kaz tar-rikorrenti ma baqax jimmerita *temporary humanitarian protection* u għalhekk tali protezzjoni giet irtirata. [1]Din id-decizjoni giet notifikata lir-rikorrenti fit-28 ta' Gunju 2021

Ir-rikorrenti appellaw quddiem l-*International Protection Appeals Tribunal* u giustament l-istess Tribunal kkonkluda illi ma jezistiex dritt

[1] Vide artikolu 17A tal-Kap 420 u d-decizjoni tat-2 ta' Gunju 2021

ta' appell minn *temporary humanitarian protection* stante illi l-artikolu 17A tal-Kap. 420 jistipula dan kollu.

## Eccezzjonijiet Preliminari

2. Illi l-esponenti Avukat tal-Istat, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi u l-Onorevoli Prim Ministru jecepixxu illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi u dan *stante* illi l-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula car u tond li kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' *asylum seekers* jaqgħu taht il-Kappa tal-*International Protection Agency* kif debitament rapprezentata mill-Ufficcjal Kap Ezekuttiv tal-istess agenzija. Kwindi, dawn l-esponenti għandhom minnufih jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u m'għandhomx ibatu ebda spejjez relatati ma' dawn il-proceduri;

3. Illi in linea prelminari ukoll jigi eccepit li rikorrenti naqsu milli jutulizzaw rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li jagħtihom il-ligi u cioe` azzjoni għal-stharrig gudizzjarju ta` egħmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tezercita l-poteri tagħha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;

4. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-kaz odjern *stante* illi l-esponent Kap Ezekuttiv la huwa Tribunal, Bord jew Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan is-sens tali esponent m'huwiex marbut bil-proceduri konvenzjonali kif qiegħed jallega l-attur;

5. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jecepixxi li għal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq, il-Qrati tagħna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tiegħu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal għall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

## Eccezzjonijiet fil-Mertu

6. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti jallegaw li ma ngħatawx smiegħ xieraq mill-Kap Ezekuttiv u li d-decizjoni tal-istess Bord hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali għas-semplici raguni, li skont huwa, jkun zbaljat fid-decizjoni tiegħu. Huwa magħruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' ta' awtorita'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk awtorita' iddeciedietx b'mod tajjeb u korrett applikazzjoni. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qed jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-proceduri decizi mill-awtorita. Fir-rikors promotur tagħhom r-rikorrenti mkien ma jfissru kif gie vjolat id-dritt ta' smigħ xieraq izda dak li qiegħed jagħmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-proceduri in konfront tiegħu il-Bord u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Bord. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu għalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

7. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal għal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jagħti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati mogħnija b'setgħa kostituzzjonali u konvenzjonali ma għandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma mogħtija s-setgħa li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament ogħla minnha. Izda dina s-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet tagħhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi għalhekk, proceduri magħmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qegħdin ilibbsu l-ilment tiegħu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi għalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u għalhekk għandu jigi mwarrab;

8. Illi jingħad ukoll li d-dritt għal familja li jikkontempla l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja m`huwiex xi dritt assolut u tali interferenza fil-hajja familjari hija legittima u gustifikata peress li tali mizura taqa` taht l-interessi tal-Istat li jagħti protezzjoni internazzjonali u/jew protezzjoni

umanitarja temporanja lil minn vera jkun haqqu. Fuq kollox zgur li l-kaz odjern ma jaqax taht dawk il-kazijiet ta` *"extreme urgency"* u *"irreparable harm to life and limb"* li jiggustifikaw xi talba għal dritt ta *humanitarian protection* gewwa pajjiz ewropew;

9. Illi l-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' digriet kamerali tal-4 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet "***Sherif Mohamed Shennawyh Vs. Avukat Generali et"*** (kopja informali tad-digriet qed jigi anness u mmarkat bhala Dok '**IPA 5**') kkunsidrat is-segwenti:

" *Ikkunsidrat:*

*..**the Court is not an appeal tribunal from the asylum and immigration tribunals of Europe…***

***"Where national immigration and asylum procedures carry out their own proper assessment of risk and are seen to operate fairly and with respect for human rigħts, the Court should only be required to intervene in truly exceptional circumstances".***

*Illi fil-każ preżenti, m'hemm l-ebda dubbju li l-awtoritajiet Maltin aġixxew mhux biss rite, imma wkoll recte, kif jidher ex facie s-sentenza studjata tal-Immigration Appeals Board li mhux biss applikat il-liġi dwar l-immigrazzjoni imma wkoll daħlet fil-fond dwar l-aspetti ta' jeddijiet fundamentali.*

***Illi quddiem din il-Qorti, kif għamel quddiem il-Bord imsemmi, ir-rikorrent jiċċita favur tiegħu il-jedd fundamentali għall-ħajja familjari. Jgħid li għandu għadd ta' tfal, erbgħa minnhom minorenni. 'danakollu, ma jgħidx ċar u tond jekk hux qiegħed imantnihom jew le. Ma jidhirx li jgħixu miegħu**. Ma jirriżultax li m'hemmx min jieħu ħsiebhom fl-assenza tiegħu waqt is-smiegħ tal-kawża kostituzzjonali li fetaħ. Jidher li nstab ħati ta' vjolenza domestika, li, waqt id-depożizzjoni viva voce tiegħu quddiem din il-Qorti, huwa rrifera għaliha bħala kwistjoni normali bejn il-miżżewwġin – attitudni li qajla mpressjonat lil din il-Qorti bħala xi rabta kbira mal-familja tiegħu. **Fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda allegazzjoni kredibbli ta' xi ħsara serja u rreparabbli għal dawn it-tfal..**."*

Illi l-esponenti jirrilevaw illi il-fatti specie tal-kaz succitat huma komparabbli mal-kaz odjern għalkemm jitrattaw talba għal *interim measure*. *Multo magis*, l-istess tagħlim illi dik l-Onorabbli Qorti stipulat fid-digriet kamerali għandu japplika għal każ odjern u dan għaliex anki fil-fatti specie tal-vertenza li għandha quddiema dina l-Onorabbli Qorti, l-minuri m'hijiex ta' eta zgħira imma ta' hmistax il-sena (15) u tirrisjedi ma missiera. Aktar minn hekk, xejn ma jzommha milli zzur lill-missier bijologiku fil-pajjiz tal-origini tiegħu;

10. Illi aktar minn hekk dwar l-iment tal-attur bbazat fuq u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-esponent jirrileva illi fejn hemm ilment illi kwalunkwe *removal* wara din il-kawza jista' jinteferixxi mad-dritt ta' immigrant projbit għar-rispett tal-hajja familjari, l-artiklu 13 tal-konvenzjoni in konessjoni mal-artikolu 8 jirrikjedi illi stat irid jagħti facilita' lill-persuna illi jikkontesta b'mod effettiv id-deportazzjoni permezz ta' salvagwardja procedurali (vide ***De Souza Ribeiro v. France*** [GC], § 83***; M. and Others v. Bulgaria***, §§ 122-132; ***Al-Nashif v. Bulgaria***, § 133). Illi hareg car diga illi l-attur kellu kull rimedju opportun mogħti lilu permezz tal-proceduri quddiem l-ex Kummissarju għar-refugjati u dritt ta' appell quddiem l-ex bord tal-appelli dwar ir-refugjati għal applikazzjoni ta' protezzjoni internazzjonali. Għajr jista' jingħad illi l-Istat ma pprovdiex mekkanizmi sabiex persuna tikkontesta l-espulsjoni tagħha minn pajjiz. Il-fatt illi r-rikorrenti kienu kuntenti bl-għotija tal-protezzjoni umanitarja temporanja (THP) ma jfissirx illi ma setgħax jappella mid-decizjoni għar-rifjut tal-protezzjoni internazzjonali datata 6 ta' Diċembru 2017. Għajr issa r-rikorrenti jilmentaw illi m'hemmx mekkanizmu ta appell minn *withdrawal* tat-THP *stante* illi din it-tip ta protezzjoni tingħata b'mod eccezzjonali u hija regolata b'artikolu appozitu.

11. Illi gialadarba d-dritt għal hajja familjari ma jistax jitqies bhala wiehed awtomatiku imma jrid jigi ezaminat fil-fatti specie tal-każ, it-talbiet proposti fir-rikors in risposta huma fieragħa. Il-fatti specie tal-każ odjern huma in sintezi ta' ex benifkanti ta' protezzjoni umanitarja temporanja (THP) li m'hemmx il-htiega illi jgawdu minn protezzjoni umanitarja temporanja u lanqas minn xi forma ta' protezzjoni internazzjonali ohra;

    F'dan is-sens ma jistax jitnesa illi:

    *"There shall be no interference by a public authority with the exercise of this rigħt* ***<u>except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic wellbeing of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rigħts and freedoms of others</u>****."* [2]

12. Illi tenut kont is-suespost, l-ewwel talba indikata fir-rikors promotur in risposta m'għandiex tigi milqugħa *stante* illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-interferenza hija legali u gustifikata.

13. Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti u għalkemm huwa risaput illi l-Qrati Kostituzzjonali jgawdu minn poteri vasti, huma l-awtortijajiet illi għandhom jirritjenu d-diskrezzjoni abbazi tal-Ligi vigenti illi jagħtu o meno protezzjoni temporanja u kwindi r-raba talba hija improponibbli u m'għandiex tintlaqa;

---

[2]

> Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors. Semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat is-sentenza parzjali tagħha tas-17 ta' Frar 2022 li biha ċaħdet it-tielet risposta tal-intimati.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrenti waslet Malta mat-tifla tagħha minuri mill-Ukranja bħala refuġjati. Minħabba f'hekk fit-12 ta' Novembru tal-2014 għamlet talba biex ikunu kkunsidrati li għandhom l-istatus ta' refuġjati.

Minflok fil-5 ta' Diċembru 2014 ingħataw l-istatus ta' protezzjoni umanitarja temporanja. Bdiet taħdem hawn Malta fl-industrija tas-sbuħija fuq bażi regolari u dejjem ħallset it-taxxi tagħha.

Kien f'Ġunju tal-2021 li kienet infurmata li din il-protezzjoni kienet ser titneħħa kif fil-fatt jirriżulta minn ittra tat-28 ta' Ġunju 2021. Inutilment interponiet appell minn din id-deċiżjoni għal quddiem it-Tribunal tal-Appelli Dwar Protezzjoni Internazzjonali. In suċċint id-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal hija fis-sens li artikolu 17A(2) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix tali appelli.

Ir-rikorrenti qed tilmenta li apparti qatt ma ngħatat smiegħ f'udjenza l-liġi lanqs tagħti l-possibilta' ta' Appell. Minħabba f'hekk ir-rikorrenti qed tgħid li inkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha kif spjegat aħjar hawn taħt.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni tar-rikorrenti hija kjarament diretta biex timpunja l-kostituzzjonalita' o meno tal-artikolu 17A(2) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

"*status jista' jiġi revokat, mitmum jew ma jiġix imġedded kull meta l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata ma jibqgħux jeżistu, jew jekk wara li tkun ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja, il-benefiċjarju kien imissu jiġi jew ġie eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni umanitarja temporanja skont is-subartikolu (1):*

*Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa sabiex tiżgura li applikant jikkwalifika għall-protezzjoni umanitarja temporanja u li jkun għadu jissodisfa l-kriterji meħtieġa ta' eliġibbiltà:*

*Iżda wkoll l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded dan l-istatus meta jkun stabbilit li benefiċjarju ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma kienx oriġinarjament issodisfa lkriterji biex ikun eliġibbli għal dan l-istatus:*

*<u>Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja</u>". (Emfażi tal-Qorti).*

Dak li qed issostni r-rikorrenti huwa li qed jinkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha kif imħarsa mill-artikoli 39, 6 u 8 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni

rispettivament. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed titratta dan ir-rikors f'din l-ordni.

*<u>L-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni rispettivament</u>*

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-artikolu 17A(2) fuq imsemmi jċaħħadhom mid-dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Aġenzija li bis-saħħa tagħha ġie irtirat l-istatus li kellhom.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-ilment. Fis-Sentenza [Sede Kostituzzjonali] tal-**1 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons -vs- L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et** din il-Qorti, kif presjeduta, kienet daħlet sewwa fid-dritt ta' l-appell inkwistjoni, iżda l-Qorti Kostituzzjonali rrevokatha għal kollox. Għalhekk din il-Qorti, minkejja li fis-sistema tagħna m'għandnix il-prinċipju ta' Kassazzjoni, ser tibqa' mat-tagħlim ta' dik is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Iżda apparti dan hemm ukoll is-segwenti argumenti li jsaħħu li qalet il-Qorti Kostituzzjonali.

F'dan ir-rigward jingħad li "it should be noted that Article 6 does not guarantee a right to appeal from a decision of first instance" (Ara **Lalmahomed v. the Netherlands, 2011, § 35,** ara wkoll Harris, **Oboyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 4th Ed, pg 156**).

Pero' jekk l-Istat partikolari jipprovdi għal dritt ta' appell, allura l-prinċipji kollha ta' smiegħ xieraq għandhom ikunu osservati. Di fatti waħda mill-ftit jekk mhux unika, okkażjoni li taħt ir-reġim tal-liġijiet Maltin huwa ammissibbli appell hu dak ai termini tal-artikolu 56(6) tal-Kap 573 li pero'

mhux applikabbli għall-każ odjern. Iżda tajjeb li jingħad li anke dan l-artikolu jippermetti appell fil-konfront tal-membri tal-Bord u mhux taċ-Chairman li huwa ġudikant.

Jiġi wkoll osservat, li l-uniku dritt ta' appell li tirrikonoxxi l-Konvenzjoni huwa dak taħt artikolu 2 tas-Sebgħa Protokoll li jiddisponi hekk:

*"(1) Kull min jinsab ħati ta' reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' ħtija jew dik is-sentenza jiġu rivisti minn tribunal ogħla. L-eserċizzju ta' dan id-dritt, inklużi r-raġunijiet abbażi ta' dak l-eserċizzju, għandhom ikunu regolati bil-liġi.*

*(2) Dan id-dritt jista' jkun suġġett għal eċċezzjonijiet dwar reati ta' xorta minuri, skont ma jkunu preskritti bil-liġi, jew f'każijiet li fihom il-persuna involuta tkun ġiet ipproċessata fl-ewwel istanza mill-ogħla tribunal jew tkun insabet ħatja wara appell kontra l-liberazzjoni.".*

Dan ifisser li anke l-Konvenzjoni tammetti d-dritt ta' appell bħala dritt protett minn artikolu 6 li jirrigwarda l-appell minn kawżi kriminali biss u mhux minn dawk ċivili.

Bl-istess mod jagħmel Art 14 (5) tal-karta Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda meta tiddisponi li "*Everyone convicted of a crime shall have the right* *to his conviction and sentence being reviewed by a higher tribunal according to law*" (Emfażi tal-Qorti. Sors: **International Covenant on Civil and Political Rights Adopted and opened for signature, ratification and accession by General Assembly resolution**

**2200A (XXI) of 16 December 1966, entry into force 23 March 1976, in accordance with Article 4**).

Għalhekk dan id-dritt ta' appell f'materja ċivili u multo magis minn deċiżjonijiet ta' Tribunali kważi ġudizzjarji, ma jeżistix bħala dritt bħal fil-kamp kriminali. Dak li hu garantit fil-kamp li mhux kriminali huwa biss li jkunu rispettati u salvagwardji proċedurali li jaċċertaw smiegħ xieraq (it-test oġġettiv) u li l-ġudikant innifsu jkun integru u idoneju u ħieles minn kull parzjalita' u preġudizzji manifesti (it-test suġġettiv).

Għalhekk dan l-ilment ser ikun riġettat.

_*L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni*_.

Ħafna minn dak li jingħad dwar artikolu 6 tal-Konvenzjoni mill-Qorti Ewropeja huwa applikabbli anke għal dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni. Iż-żewġ artikoli fir-redazzjoni tagħhom, jekk mhux għal kollox, il-prinċipji involuti huma konsimili. Hija konswetudnu tal-erminautika lokali li tapplika mutatis mutandi r-raġjonament tal-Qorti Ewropeja fl-applikazzjoni tal-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni inter alia l-artikolu 39.

Anke f'dan ir-rigward, il-Qorti kif presjeduta, fis-**Sentenza ta' Parsons** fuq imsemmija, daħlet fil-fond tal-ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. Il-każ ta' Parsons jixbaħ ħafna jekk mhux l-istess il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum.

In suċċint il-Qorti Kostituzzjonali osservat li "*l-proċess kollu – kemm quddiem l-Aġenzija u kemm quddiem it-Tribunal – huwa meqjus bħala proċess li ma huwiex dwar determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew*

*ta' akkużi kriminali, u għalhekk ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Essenzjalment l-argument tal-attriċi huwa msejjes fuq l-asserzjoni li 'applikazzjonijet għal status ta' ażil jiffiguraw bħala dritt ċivili', u li l-proċeduri quddiem it-Tribunal huma 'proċeduri kontra tagħha, li ma huwiex il-każ".* (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et**).

Għalkemm din il-Qorti kif presjeduta temmen ħafna f'dak li qalet fl-ewwel Sentenza tagħha, tħossha obbligata li tibqa' mat-tagħlim tal-Qorti Kostituzzjonali mhux biss minħabba ċ-ċertezza tal-ġudikati iżda wkoll ir-raġunament fih innifsu huwa san. Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ksur tal-artikolu 39(2) dan l-ilment ukoll qiegħed ikun riġettat.

*__Artikolu 8 tal-Konvenzjoni__*

Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

"*1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet ulibertajiet ta' ħaddieħor".*

Jibda biex jingħad, li bħala regola ġenerali, kull Stat għandu s-setgħa li jikkontrolla min jidħol fit-territoju tiegħu li ma jkunx ċittadin tiegħu. Din ir-regola tapplika indipendentement jekk dak li jkun hux adult jew minuri anke jekk dan tal-aħħar ikun fil-fatt twieled fit-territorju ta' dak l-Istat (**Ara Üner v. the Netherlands [GC], §§ 54-60**).

Issa biex ma jkunx hemm ksur tal-artikolu 8 tal-konvenzjoni huma meħtieġa żewġ elementi: 1. L-indħil irid ikun skont il-liġi u 2. Irid ikun meħtieġ għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet: fl-interess tas-sigurta nazzjonali, sigurta' pubblika jew ġid ekonomiku tal-pajjiż.

Bħal fatti jirriżulta, li r-rikorrenti ġiet Malta fit-12 ta' Diċembru 2014 flimkien ma bintha li fit-13 ta' Lulju 2022 kellha 15 -il sena (ara a' fol 81 tergo). Dan ifisser li meta ġew Malta it-tifla kellha 8 snin. Jirriżulta wkoll li tul dan iż-żmien kollu r-rikorrenti ħadmet regolarment u anke ħallset it-taxxi lill-Istat Malti biex għalhekk rabbiet lil bintha hawn Malta mingħajr ma kienet ta' piż fuq l-Istat Malti (ara minn a' fol 90 sa 136). Di pju fil-każ tal-minuri, li għaddiet it-tfulija tagħha u issa l-puberta' hawn Malta, il-linja gwida li tagħti l-Qorti Ewropeja hija fis-sens li "*very serious reasons are required to justify expulsion of a settled migrant who has lawfully spent all or the major part of his or her childhood and youth in a host country*" (**Maslov v. Austria [GC], § 75**).

Issa huwa minnu li dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma hiex it-tkeċċija jew id-deportazzjoni tar-rikorrent, iżda bil-fatt li l-permess tal-protezzjoni umanitarja temporanja qed tkun irtirata, il-konsegwenza naturali ser tkun

jekk ir-rikorrenti ma titlaqx minn jhedda lejn l-Ukranja jew tkun sfurzata li tmur.

Issa mir-*Refugee Commissioners's Report* jirriżulta li r-rikorrenti tabita fir-reġjun ta' Donesk u ċioe' fiż-żona ġejografika ta' Luhgansk (a' fol 43 u 44 u 50, ara wkoll xhieda tar-rikorrenti a' fol 84 tergo). Dan jirriżulta wkoll mill-file tal-Aġenzija li *Country of Origin* hija Donetsk Ukariane (a' fol 184). Dan id-dokument jirrikonoxxi wkoll li f'dan ir-reġjun mill-2018 kien hemm eskalazzjoni ta' gwerra (a' fol 184 tergo). Minn dakinhar sal lum, huwa notorjament magħruf li dan ir-reġjun kien soġġett għall-invażjoni mir-Russja u li huwa fatt u li llum għadu fil-qalba ta' gwerrer u ġlied. (ara wkoll a' fol 212 et seq). Dan il-fatt li jammonta għal tagħrif magħruf fid-dominju pubbliku u għalhekk il-Qorti qed tieħu *judicial notice* tiegħu.

Bl-interess tal-minuri quddiem għajnejha, il-Qorti hija obbligata li tqies l-aħjar interess tal-minuri. Dan qiegħed jingħad partikularment b'referenza għad-diffikultajiet serji li huwa raġjonevolment mistenni li l-minuri ser ikollha tiltaqa' magħhom jekk ommha tintbagħat lura jew ikollha tmur lejn l-Istat ta' oriġini tagħha, anke jekk minn jhedda. Il-Qorti Ewropeja kemm -il darba rribadiet li għandu jittieħed kont tal-aħjar interessi tal-minuri meta jkun eżerċitat id-dritt tal-Istat li jneħħi lill-ġenitur mit-territorju tiegħu. Il-kelma titneħħa, qed tintuża fis-sens wiesgħa tagħha li tinkludi wkoll meta l-ġenitur ma jkollu ebda għażla oħra ħlief li jmur lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu bil-perikoli kollha li dan jirrappreżenta. It-tirbulanzi u tbatijiet li ser ikollhom jiltaqgħu magħhom kemm l-omm u kif ukoll il-minuri għandhom dejjem

jinżammu quddiem għajnejn il-Qorti (Ara fost oħrajn **Jeunesse v. the Netherlands [GC], §§ 117-118**).

Issa ġia la darba t-tneħħija tal-protezzjoni inevitebilment ser tqiegħed kemm lill-omm u anke lill-minuri fi stat ta' illegalita', il-Qorti ma tilmaħ ebda waħda mill-kategoriji li jsemmi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Imkien ma jidher, li deċiżjoni bħal din tista' tittieħed fl-interess tas-sigurta nazzjonali, sigurta' pubblika jew ġid ekonomiku tal-pajjiż. Anzi tmur kontra l-politika attwali tal-pajjiż, li fil-każ tal-gwerra fil-Krimeja pajjiżna huwa marbut mal-politika barranija tal-Unjoni li tappoġġja bis-sħiħ lill-Ukranja fil-konflitt li għandha mar-Russja. (Ara **Security Council briefing on Maintenance of Peace and Security of Ukraine, 28 August 2024 Malta Statement delivered by Ms Francesca Gatt Chargé d'affaires a.i. of Malta to the United Nations, New York**). L-aħħar aħbarijiet mir-reġjun oriġinali tar-rikorrenti huwa li "*Russian forces have made "significant progress" in parts of the Donetsk region, according to an open-source intelligence outlet.* BY **BRENDAN COLE** ON 10/9/24 AT 11:55 AM EDT".

Għalhekk il-Qorti fid-dawl ta' dan kollu tara li bit-tneħħija tal-protezzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif imħares minn artikolu 8 tal-konvenzjoni, il-konsegwenza ser tkun li x'aktarx ser ikun miksur.

Kwantu għall-presenza tal-intimati Avukat, Ministru u Prim Ministru fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta dawn tassew m'humiex il-leġittimi kontradditturi peress li l-Gvern għandu jkun

rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Issa f'dan il-każ huwa biżżejjed li r-rikors ikun indirizzat kontra l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv kif maħtur mill-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel talba**.

**Tilqa' it-tieni talba**.

**Tilqa' it-tielet talba** limitatament billi tordna li r-rikorrenti tingħata d-dokumenti tagħha u ta' bintha minuri.

**Tilqa' ir-raba' talba** billi tħassar u tannulla d-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 fejn tneħħiet il-protezzjoni umanitarja temporanja u tqiegħed lir-rikorrenti u lil bintha fil-posizzjoni li kienu qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni u dan sakemm tassew jirriżulta li s-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tkun stabbli u mhux ta' perikolu għar-rikorrenti u partikularment għall-minuri, mingħajr preġudizzju għall kull drittijiet oħra li jista' jkollha sa dak in-nhar.

Spejjes fiċ-ċirkostanzi jinqasmu nofs bin-nofs.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**